# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta tal-lum it-Tlieta, 4 ta' Lulju 2019**

**Kawza Numru : 7**
**Rikors Guramentat Numru : 547/2019/LSO**

**Mario Borg (ID 180960M)**

**vs**

**Christopher Camilleri (277281 M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors Guramentat ta' Mario Borg (ID 180960M) datat 4 ta' Gunju 2019 fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu kkonferma li jaf personalment:

Illi l-esponent ghandu bi proprjeta' l-fond 25, Triq Nicolo' Isouard, Sliema. Illi prezentement, dan il-fond jinsab okkupat mill-konvenut minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Illi minkejja li l-esponent talab lill-konvenut sabiex jizgombra minn dan il-fond, u jirrilaxxjah battal, inkluz permezz ta' ittra legali, sal-lum dan baqa' inadempjenti.

Illi b'din l-okkupazzjoni illegali u abbuziva tieghu, li ilha ghaddejja minn Awwissu 2018, il-konvenut ikkaguna danni lill-esponent, konsistenti f'telf ta' qligh, fis-somma mensili ta' mitejn u hamsin ewro (€250), liema danni sal-lum jammontaw ghal elfejn u hames mitt ewro (€2500).

Illi inoltre, is-servizzi tad-dawl u l-ilma fl-istess fond jinsabu registrati f'isem il-konvenut, u l-esponent m'ghandux taghrif dwar jekk hemmx hlasijiet dovuti fir-rigward ghas-servizzi provduti u kkunsmati mill-konvenut, ghal liema hlasijiet ghandu jaghmel tajjeb wahdu l-istess konvenut.

Illi jirrikorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi safejn jaf l-esponent, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talbiet taghhom.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhrilha xierqa, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi skont it-talbiet bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenut jizgombra immedjatament mill-fond imsemmi 25, Triq Nicolo' Isouard, Sliema, u jirrilaxxah battal favur l-esponent;

3. Konsegwentement ukoll, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-esponent is-somma ta' elfejn u hames mitt ewro (€2500) danni minhabba okkupazzjoni illegali u dik is-somma l-ohra li tirrizulta dovuta mid-data tas-sentenza bir-rata ta' mitejn u hamsin ewro (€250) kull xahar jew parti minnu b'effett minn Mejju 2019 sad-data tac-cediment tal-fond;

4. Kosegentment ukoll, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-esponent dik is-somma li tirrizulta dovuta sad-data tac-cediment tal-fond in linea ta' kera u prezz ta' konsum tad-dawl u l-ilma fl-istess fond.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni, u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponent skont il-ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-4 ta' Lulju 2019 fid-9:30am, b'ordni lill-intimati biex jidhru f' dik il-gurnata u jwiegbu ghat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi minnufih ir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Rat in-nota ta' Christopher Camilleri datata 1 ta' Lulju 2019 a fol 8 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Lulju 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Alessandro Lia ghar-rikorrent prezenti fl-Awla. Deher il-konvenut assistit minn Dr David Gatt. Xehdu bil-gurament taghhom Christopher Camilleri, li prezenta Doks CC1 sa CC9, u Mario Borg, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika.

Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tal-kawza.

INGHATAT SENTENZA:

Il-Qorti semghet ix-xhieda tal-kontendenti bil-gurament u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-art 167 *et sequens* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-intimat qed jikkontendi primarjament li r-rikorrent naqas milli jipprova t-titolu tieghu kif ukoll li ghandu titolu ta' kera.

Rigward l-allegat titolu ta' kera l-Qorti qieset li ma ngabitx prova kif trid il-ligi, billi filwaqt li l-konvenut qal li ghandu skrittura ta' kera, din l-iskrittura baqa' ma producijhiex, u hija l-ahjar prova.

Esebixxa ritratti ta' mammi ta' cekkijiet maghmulin lil Mario Borg, izda m'hemmx prova ghaliex kienu dawn ic-cekkijiet u jekk issarfux, anzi l-Qorti ssib il-verzjoni tieghu inverosimili billi minkejja li l-mammi juru ammonti sostanzjali qed jghid li hadd m'hu qed jokkupa l-post.

Rigward it-titotlu, taccetta x-xhieda tar-rikorrent bil-gurament;

Rigward il-kompetenza 'ratione materiae' gialadraba ma ngabitx lanqas prova 'prima facie' ta' titolu ta' kera l-Qorti tqis li l-intimat qed jokkupa l-fond bla titolu u kwindi ghandha l-kompetenza biex tisma' u tiddeciedi din it-talba.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha; tiddikjara li l-intimat qed jokkupa l-fond minghajr titolu skont il-ligi u tordnalu li jizgombra mill-fond fi zmien perentorju ta' xahar mil-lum; fir-rigward tat-tielet (3) talba, tilqa' l-istess kif dedotta bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-konvenut.

Il-kawza giet deciza.

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**04 ta' Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**04 ta' Lulju 2019**